



0012/2016

24.2.2016

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-prevenzjoni tat-terremoti

**Enrico Gasbarra (S&D), Massimo Paolucci (S&D), Therese Comodini Cachia (PPE), José Inácio Faria (ALDE), Benedek Jávor (Verts/ALE), Renata Briano (S&D), Patricija Šulin (PPE), Victor Negrescu (S&D), Salvatore Cicu (PPE), Kostadinka Kuneva (GUE/NGL), Nicola Caputo (S&D), Ivana Maletić (PPE), Ruža Tomašić (ECR), Tomáš Zdechovský (PPE)**

Data ta' skadenza: 24.5.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-prevenzjoni tat-terremoti<sup>1</sup>**

1. It-terremoti huma fost l-aktar diżastri naturali komuni li jolqtu lill-Ewropa: tul il-perjodu ta' 35 snin bejn l-1976 u l-2010, 20 % tat-terremoti diżastrużi tad-dinja seħħew fl-Ewropa.
2. B'mod partikolari fiż-żona tal-Mediterran, fil-perjodu ta' bejn l-1975 u l-2010, it-terremoti kkawżaw il-mewt ta' 62 000 ruħ – jiġifieri 7 % tal-imwiet relatati mat-terremoti fid-dinja kollha – u madwar EUR 111 000 miljun fi ħsara.
3. F'ħafna bliet Ewropej esposti għal riskju għoli ta' terremot, parti sostanzjali mill-popolazzjoni għadha tgħix f'bini li ma jissodisfax l-istandards moderni ta' reżistenza għat-terremoti.
4. Azzjonijiet preventivi, bħall-immodernizzar tal-istrutturi, huma importanti, iżda mhux dejjem huma possibbli fuq skala kbira; għaldaqstat huwa essenzjali li jittejbu t-tbassir probabilistiku u l-istudji dwar il-ħamrija u l-vulnerabilità tal-bini, jiġu implimentati b'mod korrett il-pjanijiet ta' emerġenza u jsiru kampanji edukattivi sabiex jitnaqqsu r-riskji.
5. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija mħeġġa tagħti impetu ġdid lill-prevenzjoni tat-terremoti fil-qafas ta' Orizzont 2020.
6. Il-Kummissjoni hija mitluba tikkunsidra li tiżviluppa ulterjorment il-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP), u tagħmel kull sforz sabiex tikkordina l-azzjonijiet għall-prevenzjoni tat-terremoti fl-Istati Membri kollha.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.